310	<p>1.2.2. Total mhux aġġustat ta' assi ta' livell 2 B</p> <p>L-Artikoli 12, 13, 14, 15, 16 u 19 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>Assi rrapportati f'din is-subsezzjoni ġew identifikati b'mod espliċitu bħala assi tal-Livell 2B skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 040 is-somma tal-ammont totali tal-valur tas-suq ta' assi tal-Livell 2 B, mhux aġġustata mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw fil-Kolonna 040 is-somma tal-ammont totali ponderat ta' assi tal-Livell 2 B, mhux aġġustata mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
320	<p>1.2.2.1 Titoli garantiti b'assi (residenzjali, CQS1)</p> <p>L-Artikoli 12(1)(a) u 13(2)(g)(i) u (ii) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>Skoperturi fil-forma ta' titoli garantiti b'assi li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 dment li jkunu garantiti b'self residenzjali garantiti b'ipoteka tal-ewwel grad jew self residenzjali garantiti b'mod sħiħ skont l-Artikolu 13(2)(g)(i) u (ii) tal-istess Regolament.</p> <p>Assi li huma soġġetti għad-provvediment tranżizzjonali speċifikat fl-Artikolu 37 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 jiġi rrapportati hawnhekk.</p>
330	<p>1.2.2.2 Titoli garantiti b'assi (vetturi, CQS1)</p> <p>L-Artikoli 12(1)(a) u 13(2)(g)(iv) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>Skoperturi fil-forma ta' titoli garantiti b'assi li huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 dment li huma garantiti b'self u lokazzjonijiet fuq vetturi skont l-Artikolu 13(2)(g)(iv) tal-istess Regolament.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
340	<p>1.2.2.3 Bonds koperti ta' kwalità għolja (Ponderazzjoni tar-riskju ta' 35 %)</p> <p>L-Artikolu 12(1)(e) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>Assi li jirrappreżentaw skoperturi fil-forma ta' bonds koperti maħruġin minn istituzzjonijiet ta' kreditu li huma konformi mal-Artikolu 12(1)(e) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 dment li l-pula ta' assi sottostanti tikkonsisti esklussivament minn skoperturi li jikkwalifikaw għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 35 % jew inqas, skont l-Artikolu 125 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.</p>
350	<p>1.2.2.4 Titoli garantiti b'assi (kummerċjali jew individwi, Stat Membru, CQS1)</p> <p>L-Artikoli 12(1)(a) u 13(2)(g)(iii) u (v) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>Skoperturi fil-forma ta' titoli garantiti b'assi li huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 dment li huma garantiti b'assi definiti fl-Artikolu 13(2)(g)(iii) u (v) tal-istess Regolament. Wieħed għandu jinnota li għall-fini tal-Artikolu 13(2)(g)(iii), mill-inqas 80 % tal-mutwatarji fil-pula jridu jkunu SMEs fil-ħin tal-ħruġ tat-titolizzazzjoni.</p>
360	<p>1.2.2.5 Titoli ta' dejn korporattiv (CQS2/3)</p> <p>L-Artikolu 12(1)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>Titoli ta' dejn korporattiv li huma konformi mal-Artikolu 12(1)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p>
370	<p>1.2.2.6 Titoli ta' dejn korporattiv — assi li ma jrendux imgħax (miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu għal raġunijiet reliġjużi) (CQS1/2/3)</p> <p>L-Artikolu 12(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>Għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li skont l-istatuti tal-inkorporazzjoni tagħhom ma jistax għal raġunijiet ta' osservanza reliġjuża jkollhom assi li jrendu mgħax, l-awtorità kompetenti tista' tippermetti li ssir deroga mill-punti (ii) u (iii) tal-paragrafu 1(b) tal-Artikolu 12, dejjem jekk ikun hemm evidenza ta' nuqqas ta' disponibbiltà ta' assi li ma jrendux imgħax li jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti u li l-assi li ma jrendux imgħax inkwistjoni huma biżżejjed likwidi fi swieq privati.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija hawn fuq għandhom jirrapportaw it-titoli ta' dejn korporattiv li fihom assi li ma jrendux imgħax, kif imsemmi hawn fuq, dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt (i) tal-paragrafu 1(b) tal-Artikolu 12 u jkunu rċevew deroga xierqa mill-awtorità kompetenti tagħhom.</p>
380	<p>1.2.2.7 Ishma (indiċi tal-borża ewlieni)</p> <p>L-Artikolu 12(1)(c) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>Ishma, li huma konformi mal-Artikolu 12(1)(c) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u huma denominati fil-munita tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-istituzzjoni ta' kreditu.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw ukoll ishma li huma konformi mal-Artikolu 12(1)(c) u denominati f'munita differenti, dment li jingħaddu bħala assi tal-Livell 2B biss sal-ammont li jkopri l-flussi ta' ħruġ tal-likwidità f'dik il-munita jew fil-ġurisdizzjoni fejn jittieħed ir-riskju tal-likwidità.</p>
390	<p>1.2.2.8 Assi li ma jrendux imgħax (miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu għal raġunijiet reliġjużi) (CQS 3-5)</p> <p>L-Artikolu 12(1)(f) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
	<p>Għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li skont l-istatuti tal-inkorporazzjoni tagħhom ma jistgħux, għal raġunijiet ta' osservanza reliġjuża, ikollhom assi li jrendu mgħax, assi li ma jrendux imgħax li jikkostitwixxu pretensjoni fuq jew huma garantiti minn banek ċentrali jew minn gvern ċentrali jew minn bank ċentrali ta' pajjiż terz jew minn gvern reġjonali, awtorità lokali jew entità mis-settur pubbliku f'pajjiż terz, dment li dawn l-assi jkollhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata ta' mill-inqas tal-iskala 5 tal-kwalità kreditizja skont l-Artikolu 114 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew l-iskala kreditizja ekwivalenti fil-każ ta' valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir.</p>
400	<p>1.2.2.9 Faċilitajiet ta' likwidità impenjati ta' użu ristrett ta' bank ċentrali L-Artikoli 12(1)(d) u 14 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 Ammont mhux prelevat ta' faċilitajiet ta' likwidità impenjati ta' użu ristrett ipprovduti minn banek ċentrali li huma konformi mal-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
410	<p>1.2.2.10 Ishma/unitajiet ta' CIU kwalifikanti: sottostanti huma titoli garantiti b'assi (residenzjali jew vetturi, CQS1) L-Artikolu 15(2)(e) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 Ishma jew unitajiet f'CIUs li l-assi sottostanti tagħhom jikkorrispondu għal assi li jikkwalifikaw bħala assi tal-Livell 2B kif speċifikat fil-punti (i), (ii) u (iv) tal-Artikolu 13(2)(g) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni 2015/61.</p>
420	<p>1.2.2.11 Ishma/unitajiet ta' CIU kwalifikanti: sottostanti huma bonds koperti ta' kwalità għolja (ponderazzjoni tar-riskju ta' 35 %) L-Artikolu 15(2)(f) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 Ishma jew unitajiet f'CIUs li l-assi sottostanti tagħhom jikkorrispondu għal assi li jikkwalifikaw bħala assi tal-Livell 2B kif speċifikat fl-Artikolu 12(1)(e) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni 2015/61.</p>
430	<p>1.2.2.12 Ishma/unitajiet ta' CIU kwalifikanti: sottostanti huma titoli garantiti b'assi (kummerċjali jew individwi, Stat Membru, CQS1) L-Artikolu 15(2)(g) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 Ishma jew unitajiet f'CIUs li l-assi sottostanti tagħhom jikkorrispondu għal assi li jikkwalifikaw bħala assi tal-Livell 2B kif speċifikat fil-punti (iii) u (v) tal-Artikolu 13(2)(g) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Wieħed għandu jinnota li għall-fini tal-Artikolu 13(2)(g)(iii), mill-inqas 80 % tal-mutwatarji fil-pula jridu jkunu SMEs fil-ħin tal-ħruġ tat-titolizzazzjoni.</p>
440	<p>1.2.2.13 Ishma/unitajiet ta' CIU kwalifikanti: sottostanti huma titoli ta' dejn korporattiv (CQS2/3), ishma (indiċi ta' borża ewlieni) jew assi li ma jrendux imgħax (miżmuma mill-istituzzjonijiet ta' kreditu għal raġunijiet reliġjużi) (CQS3-5) L-Artikolu 15(2)(h) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 Ishma jew unitajiet f'CIUs li l-assi sottostanti tagħhom jikkorrispondu għal titoli ta' dejn korporattiv konformi mal-Artikolu 12(1)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, ishma konformi mal-Artikolu 12(1)(c) tal-istess Regolament jew assi li ma jrendux imgħax li huma konformi mal-Artikolu 12(1)(f) tal-istess Regolament.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
450	<p>1.2.2.14 Depożiti minn membru ta' netwerk ma' istituzzjoni ċentrali (investiment mhux obligat)</p> <p>L-Artikolu 16(1)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>Depożitu minimu li l-istituzzjoni ta' kreditu żżomm mal-istituzzjoni ta' kreditu ċentrali, dment li tkun parti minn skema ta' protezzjoni istituzzjonali msemmija fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għal netwerk eliġibbli għar-rinunzja prevista fl-Artikolu 10 tal-istess Regolament jew għal netwerk kooperattiv fi Stat Membru rregolat b'liġi jew b'kuntratt.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiżguraw li l-istituzzjoni ċentrali ma tkunx taħt xi obbligu legali jew kuntrattwali li żżomm jew tinvesti d-depożiti f'assi likwidi ta' livell jew kategorija speċifika.</p>
460	<p>1.2.2.15 Finanzjament tal-likwidità disponibbli għal membru ta' netwerk minn istituzzjoni ċentrali (kollateralizzazzjoni mhux speċifikata)</p> <p>L-Artikolu 16(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>Ammont mhux prelevat ta' finanzjament ta' likwidità limitat li jikkonforma mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
470	<p>1.2.2.16 Istituzzjonijiet ta' kreditu ċentrali: Assi tal-Livell 2 B li jitqiesu bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti</p> <p>L-Artikolu 27(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>Skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, jeħtieġ li jiġu identifikati assi likwidi li jikkorrispondu għal depożiti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu pjazzati fl-istituzzjoni ċentrali li jitqiesu bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti. Dawn l-assi likwidi ma għandhomx jingħaddu biex ikoperu l-flussi ta' ħruġ ħlief mid-depożiti korrispondenti u ma għandhomx jitqiesu fil-kalkoli tal-kompożizzjoni tal-bafer tal-likwidità li tibqa', skont l-Artikolu 17, għall-istituzzjoni ċentrali flivell individwali.</p> <p>Meta jirrapportaw dawn l-assi, l-istituzzjonijiet ċentrali għandhom jiżguraw li l-ammont irrapportat ta' dawn l-assi likwidi wara l-haircut ma jaqbiżx il-fluss ta' ħruġ mid-depożiti korrispondenti.</p> <p>Dawn l-assi għandhom ikunu rrapportati fis-sezzjoni applikabbli tal-formula C72.00 tal-Anness XXIV u ċ-ċifra rilevanti għandha titniżżel hawnhekk.</p> <p>Assi msemmija f'din ir-ringiela huma assi tal-Livell 2 B.</p>

ENTRATI TA' MEMORANDUM

480	<p>2. Approċċi Alternattivi għal-Likwidità: Assi addizzjonali tal-Livell 1/2 A/2B inklużi minħabba li l-konsistenza tal-munita ma tapplikax għal raġunijiet ta' ALA</p> <p>L-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>Meta ma jkunx hemm biżżejjed assi likwidi f'munita partikolari biex istituzzjonijiet ta' kreditu tisso-disfa l-ICR l-istituzzjoni ta' kreditu tista' tkopri d-defiċit fl-assi likwidi f'munita billi ma tqisx ir-rekwiżiti operazzjonali dwar il-konsistenza tal-munita stabbilita fl-Artikolu 8(6) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>Assi żejda għandhom jiġu rrapportati bħala normali fis-sezzjoni applikabbli tagħhom tal-formula C 72.00 tal-Anness XXIV u l-ammont totali ta' assi inklużi minħabba dan l-Approċċ alternattiv għal-likwidità peress li l-konsistenza tal-munita ma tkunx ġiet applikata għandhom jiddaħħlu hawnhekk.</p>
-----	--

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
490	<p>3. Depożiti minn membru ta' netwerk ma' istituzzjoni ċentrali (investiment obligat fil-livell 1 esklużi assi ta' bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna)</p> <p>L-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali ta' assi tal-Livell 1 minbarra l-bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna rapportati fis-sezzjonijiet ta' qabel skont ir-rekwiżiti fl-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
500	<p>4. Depożiti minn membru ta' netwerk ma' istituzzjoni ċentrali (investiment obligat f'assi ta' bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna ta' Livell 1)</p> <p>L-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali ta' assi ta' bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna tal-Livell 1 rapportati fis-sezzjonijiet ta' hawn fuq skont ir-rekwiżiti fl-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
510	<p>5. Depożiti minn membru ta' netwerk ma' istituzzjoni ċentrali (investiment obligat f'assi tal-Livell 2 A)</p> <p>L-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali ta' assi tal-Livell 2 A rapportati fis-sezzjonijiet ta' hawn fuq skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
520	<p>6. Depożiti minn membru ta' netwerk ma' istituzzjoni ċentrali (investiment obligat f'assi tal-Livell 2 B)</p> <p>L-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali ta' assi tal-Livell 2 B rapportati fis-sezzjonijiet ta' hawn fuq skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
530	<p>7. Aġġustamenti magħmula f'assi minħabba flussi ta' ħruġ netti ta' likwidità minn għeluq bikri ta' ħeġġijiet</p> <p>L-Artikolu 8(5)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali ta' aġġustamenti li jkunu għamli fl-assi likwidi tagħhom rapportati fis-sezzjonijiet għal-Livell 1/2 A/2B rigward il-flussi ta' ħruġ netti ta' flus minħabba l-għeluq bikri ta' ħeġġijiet skont l-Artikolu 8(5)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
540	<p>8. Aġġustamenti magħmulin f'assi minħabba flussi ta' dħul netti ta' likwidità minn għeluq bikri ta' ħeġġijiet</p> <p>L-Artikolu 8(5)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali ta' aġġustamenti li jkunu għamli fl-assi likwidi tagħhom rapportati fis-sezzjonijiet għal-Livell 1/2 A/2B rigward il-flussi ta' dħul netti ta' flus minħabba l-għeluq bikri ta' ħeġġijiet skont l-Artikolu 8(5)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
550	<p>9. Assi bankarji garantiti sponsorjati minn Stat Membru soġġetti għal anterjorità</p> <p>L-Artikolu 35 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali ta' assi maħruġin mill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jibbenefikaw minn garanzija tal-gvern ċentrali ta' Stat Membru skont l-Artikolu 35 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 rapportati fis-sezzjonijiet ta' hawn fuq.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
560	<p>10. Aġenziji tal-ġestjoni ta' assi danneġġati sponsorjati minn Stat Membru soġġetti għal provvediment tranżizzjonali</p> <p>L-Artikolu 36 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali ta' assi msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 rapportati fis-sezzjonijiet ta' hawn fuq.</p>
570	<p>11. Titolizzazzjonijiet garantiti b'self residenzjali soġġetti għal provvediment tranżizzjonali</p> <p>L-Artikolu 37 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali ta' assi msemmija fl-Artikolu 37 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 rapportati fis-sezzjonijiet ta' hawn fuq.</p>
580	<p>12. Assi tal-livell 1/2 A/2B esklużi minħabba raġunijiet ta' munita</p> <p>L-Artikoli 8(6), 10(1)(d) u 12(1)(c) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjoni għandha tirrapporta l-parti tal-assi li huma konformi mal-Artikolu 8(6), 10(1)(d) u l-Artikolu 12(1)(c) li mhumiex rikonoxxibbli mill-istituzzjoni taħt id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dawk l-Artikoli.</p>
590	<p>13. Assi tal-Livell 1/2 A/2B esklużi minħabba raġunijiet operazzjonali ħlief għal raġunijiet ta' munita</p> <p>L-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-assi li huma konformi mal-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 iżda li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 8 tal-istess Regolament, dment li ma jkunux ġew irrapportati fir-ringiela 580 għal raġunijiet ta' munita.</p>
600	<p>14. Assi tal-Livell 1 li ma jrendux imġax (miżmuma mill-istituzzjonijiet ta' kreditu għal raġunijiet reliġjużi)</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali ta' assi tal-Livell 1 li ma jrendux imġax (miżmumin mill-istituzzjonijiet ta' kreditu għal raġunijiet reliġjużi)</p>
610	<p>15. Assi tal-Livell 2 A li ma jrendux imġax (miżmuma mill-istituzzjonijiet ta' kreditu għal raġunijiet reliġjużi)</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali ta' assi tal-Livell 2 A li ma jrendux imġax (miżmumin mill-istituzzjonijiet ta' kreditu għal raġunijiet reliġjużi).</p>

RAPPORTAR DWAR IL-LIKWIDITÀ (PARTI 2 FLUSSI TA' ĦRUĠ)

1. Flussi ta' ħruġ
 - 1.1. Kummenti ġenerali
 1. Din hija l-formula fil-qosor li fiha informazzjoni dwar il-flussi ta' ħruġ tal-likwidità mkejla matul it-30 jum ta' wara, għall-finijiet ta' rapportar tar-rekwiżit tal-kopertura tal-likwidità kif speċifikat fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-entrati li ma għandhomx għalfejn jimtlew mill-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom lewn griż.
 2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-formula fil-muniti korrispondenti skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61

3. Xi entrati ta' memorandum huma inklużi fil-formula assoċjata ma' dawn l-istruzzjonijiet. Għalkemm mhux strettament neċessarji għall-kalkolu tal-proporzjon innifsu, huwa meħtieġ li jimtlew. Dawn l-entrati jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa li tippermetti lill-awtorità kompetenti twettaq valutazzjoni adegwata tal-konformità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu mar-rekwiżiti tal-likwidità. F'ċerti każijiet jirrappreżentaw tqassim iktar granulari tal-entrati inklużi fis-sezzjonijiet ewlenin tal-formuli filwaqt li f'każijiet oħrajn jirriflettu riżorsi ta' likwidità addizzjonali li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jkollhom aċċess għalihom.
4. Skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, il-flussi ta' ħruġ tal-likwidità għandhom:
 - i. jinkludu dawk il-kategoriji msemmija fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61
 - ii. jiġu kkalkolati billi l-bilanċi pendenti ta' diversi kategoriji ta' obligazzjonijiet u impenji li ma jidhru fil-karta tal-bilanċ jiġu mmultiplikati bir-rati li bihom huma mistennija jiġu likwidati jew prelevati kif indikat fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
5. Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 jirreferi biss għar-rati u l-haircuts, u l-kelma 'ponderazzjoni' tirreferi biss għal dawn. F'dawn l-istruzzjonijiet il-kelma 'ponderati' tintuża bħala terminu ġenerali li jindika l-ammont miksub wara l-applikazzjoni tal-haircuts u r-rati rispettivi u kwalunkwe struzzjoni addizzjonali rilevanti oħra (pereżempju fil-każ ta' għoti ta' self u finanzjament garantit).
6. Il-flussi ta' ħruġ fi grupp jew fi skema ta' protezzjoni istituzzjonali (minbarra l-flussi ta' ħruġ minn kreditu mhux prelevat jew faċilitajiet ta' likwidità provduti minn membri ta' grupp jew skema ta' protezzjoni istituzzjonali fejn l-awtorità kompetenti tkun tat permess li tiġi applikata rata ta' fluss ta' ħruġ preferenzjali u flussi ta' ħruġ minn depożiti operazzjonali miżmuma fil-kuntest ta' Skema ta' Protezzjoni istituzzjonali jew netwerk kooperattiv) għandhom jiġu rrapportati fil-kategoriji rilevanti. Dawn il-flussi ta' ħruġ għandhom jiġu rrapportati wkoll b'mod separat bħala entrati ta' memorandum.
7. Il-flussi ta' ħruġ tal-likwidità għandhom ikunu rrapportati darba biss fil-formula dment li ma jkunux applikabbli flussi ta' ħruġ addizzjonali skont l-Artikolu 30 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 jew meta l-entrata tkun ukoll entrata ta' memorandum. Ir-rapportar tal-entrati ta' memorandum ma jaffettwax il-kalkoli tal-flussi ta' ħruġ tal-likwidità.
8. Meta jsir rapport f'munita sinifikanti, dan li ġej għandu japplika dejjem:
 - jiġu rrapportati biss dawk l-entrati u l-flussi denominati f'dik il-munita;
 - f'każ ta' diskrepanza fil-munita bejn il-komponenti ta' tranżazzjoni, jiġi rrapportat biss il-komponent f'dik il-munita;
 - meta r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 jippermetti netting, dan jista' jiġi applikat biss għal flussi f'dik il-munita;
 - meta fluss ikollu opzjonalità għal diversi muniti, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tagħmel valutazzjoni tal-munita li l-fluss x'aktarx li jseħħ fiha u għandha tirrapporta l-entrata f'dik il-munita sinifikanti biss.
9. Il-ponderazzjonijiet standard fil-kolonna 040 tal-formula C 73.00 tal-Anness XXIV huma dawk speċifikati fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 b'mod prestabbilit u huma pprovdu hawnhekk għall-informazzjoni.
10. Il-formula fiha l-informazzjoni dwar il-flussi tal-likwidità kollateralizzati, imsejjaħ 'għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieg kapitali' fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, u għall-finijiet tal-kalkolu tal-LCR kif definit f'dak ir-Regolament.
11. Formula separata hija pprovdu għal swaps kollaterali — C 75.00 tal-ANNESS XXIV. Swaps kollaterali, li huma tranżazzjonijiet kollateral-versus-kollateral ma għandhomx ikunu rrapportati fil-formula tal-flussi tal-ħruġ C 73.00 tal-Anness XXIV, li tkopri biss tranżazzjonijiet fi flus-versus-kollaterali.

- 1.2. Kummenti speċifiċi rigward is-saldu u t-tranżazzjonijiet forward start
12. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw flussi ta' ħruġ li jirriżultaw minn repos forward start, retroriakkwist u swaps kollaterali li jibdwu fi żmien perjodu ta' 30 jum u jimmuturaw wara l-perjodu ta' 30 jum fejn il-komponent inizzjali jipproduċi fluss ta' ħruġ. Fil-każ ta' retroriakkwist, l-ammont li se jingħata b'self lill-kontroparti għandu jitqies bħala fluss ta' ħruġ u rrapportat fl-entrata 1.1.7.3 nett mill-valur tas-suq tal-assi li se jiġi riċevut bħala kollateral u wara l-applikazzjoni tal-haircut tal-LCR relatat jekk l-assi jikkwalifika bħala assi likwidu. Jekk l-ammont li se jingħata b'self ikun anqas mill-valur tas-suq tal-assi (wara l-haircut tal-LCR) li se jiġi riċevut bħala kollateral, id-differenza għandha tkun irrapportata bħala influż. Jekk il-kollateral li se jiġi riċevut ma jikkwalifikax bħala assi likwidu, il-fluss ta' ħruġ għandu jkun irrapportat kollu. Fil-każ ta' repo, fejn il-valur tas-suq tal-assi li se jingħata b'self bħala kollateral wara l-applikazzjoni tal-haircut tal-LCR relatat (jekk l-assi jikkwalifika bħala assi likwidu) ikun ikbar mill-ammont fi flus li se jiġi riċevut, id-differenza għandha tkun irrapportata bħala fluss ta' ħruġ fir-ringiela msemmija hawn fuq. Għal swaps kollaterali, fejn l-effett nett tal-iswap inizzjali ta' assi likwidu (b'kunsiderazzjoni tal-haircuts tal-LCR) joħloq fluss ta' ħruġ dan il-fluss ta' ħruġ għandu jkun irrapportat fir-ringiela msemmija hawn fuq.

Repos forward, retro riakkwist forward u swaps kollaterali forward li jibdwu u jimmuturaw fil-perjodu ta' 30 jum tal-LCR ma għandhom l-ebda impatt fuq l-LCR ta' bank u jistgħu jkunu injorati

13. L-iskema tad-deċiżjonijiet għas-sezzjoni 1 ta' C 73.00 tal-Anness XXIV, l-iskema tad-deċiżjonijiet hija mingħajr preġudizzju għar-rapportar tal-entrati ta' memorandum. L-iskema tad-deċiżjonijiet hija parti mill-istruzzjonijiet biex jiġu speċifikati l-kriterji tal-valutazzjoni tal-prijoritizzazzjoni għall-allokazzjoni ta' kull entrata rrapportata sabiex jiġi żgurat rapportar omoġenju u komparabbli. L-implimentazzjoni tal-iskema tad-deċiżjonijiet weħida mhijex biżżejjed, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom dejjem jikkonformaw mal-bqija tal-istruzzjonijiet. Għall-fini ta' sempliċità l-iskema tad-deċiżjonijiet tinjora t-totali u s-subtotali; madankollu dan ma jfissirx li ma għandhomx ikunu rrapportati wkoll. DA tirreferi għar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.

#	Entrata	Deċiżjoni	Rapportar
1	Tranżazzjoni forward start	Iva	# 2
		Le	# 4
2	Tranżazzjoni forward aċċettata wara d-data ta' rapportar;	Iva	Tirrapportax
		Le	# 3
3	Tranżazzjonijiet forward li jibdwu qabel u jimmuturaw wara l-orizzont ta' 30 jum.	Iva	Tirrapportax
		Le	ID 1.1.7.3
4	Entrata li teħtieġ flussi ta' ħruġ addizzjonali skont l-Art.30 ta' DA?	Iva	# 5 u sussegwentement # 48
		Le	# 5
5	Depożitu fil-livell ta' konsumatur skont l-Art. 3(8) tad-DA.	Iva	# 6
		Le	# 12
6	Depożitu kkanċellat b'maturità residwa ta' inqas minn 30 jum tal-kalendarju u fejn sar ftehim li l-ħlas isir lil istituzzjoni ta' kreditu oħra?	Iva	ID 1.1.1.1
		Le	# 7

#	Entrata	Deċiżjoni	Rapportar
7	Depożitu skont l-Art. 25 (4) tad-DA?	Iva	Tirrapporntax
		Le	# 8
8	Depożitu skont l-Art. 25 (5) tad-DA?	Iva	ID 1.1.1.5
		Le	# 9
9	Depożitu skont l-Artikolu 25 (2) tad-DA?	Iva	Alloka f'entrata rilevanti waħda ta' ID 1.1.1.2
		Le	# 10
10	Depożitu skont l-Art. 24 (4) tad-DA?	Iva	ID 1.1.1.4
		Le	# 11
11	Depożitu skont l-Art. 24 (1) tad-DA?	Iva	ID 1.1.1.3
		Le	ID 1.1.1.6
12	L-obbligazzjoni saret dovuta, tista' tissegħja għall-ħlas mill-emittent jew mill-fornitur tal-finanzjament jew tinvolvi aspettattiva mill-fornitur tal-finanzjament li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun trid tħallas lura l-obbligazzjoni matul it-30 jum tal-kalendarju li jmiss?	Iva	# 13
		Le	# 29
13	Obbligazzjoni li tirriżulta mill-ispejjeż operazzjonali tal-istituzzjoni stess?	Iva	ID 1.1.7.1
		Le	# 14
14	L-obbligazzjoni fil-forma ta' bond mibjugħ esklussivament fis-suq tal-konsumaturi u miżmum f'kont tal-konsumatur skont l-Art. 28(6) tad-DA?	Iva	Segwi l-perkors tad-depożiti fil-livell ta' konsumatur (jiġifieri wieġeb iva għal # 5 u ttratta skont dan)
		Le	# 15
15	L-obbligazzjonifil-forma ta' titolu ta' dejn?	Iva	ID 1.1.7.2
		Le	# 16
16	Depożitu riċevut bħala kollateral?	Iva	Alloka fl-entrati rilevanti tal-ID 1.1.4
		Le	# 17

#	Entrata	Deċiżjoni	Rapportar
17	Depożitu li jirriżulta minn relazzjoni bankarja korrispondenti jew minn senserija primarja?	Iva	ID1.1.3.1
		Le	# 18
18	Depożiti operazzjonali skont l-Art. 27 tad-DA?	Iva	# 19
		Le	# 24
19	Miżmumin fil-kuntest ta' IPS jew netwerk kooperattiv?	Iva	# 20
		Le	# 22
20	Trattati bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti?	Iva	ID 1.1.2.2.2
		Le	# 21
21	Miżmumin biex jinkiseb l-ikklerjar ta' flus u s-servizzi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ċentrali fi netwerk?	Iva	ID 1.1.2.4
		Le	ID 1.1.2.2.1
22	Miżmumin għall-ikklerjar, il-kustodja, l-immaniġġjar ta' flus jew servizzi oħrajn komparabbli fil-kuntest ta' relazzjoni operazzjonali stabbilita?	Iva	Alloka f'entrata rilevanti waħda ta' ID 1.1.2.1
		Le	# 23
23	Miżmumin fil-kuntest ta' relazzjoni operazzjonali stabbilita (oħra) ma' konsumaturi mhux finanzjarji?	Iva	ID 1.1.2.3
		Le	# 24
24	Depożitu ieħor?	Iva	# 25
		Le	# 26
25	Depożiti minn konsumaturi finanzjarji?	Iva	ID 1.1.3.2
		Le	Alloka f'entrata rilevanti waħda ta' ID 1.1.3.3
26	Obbligazzjoni minn għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali minbarra derivattivi u swaps kollaterali?	Iva	Alloka f'entrata rilevanti waħda tal-ID 1.2
		Le	# 27
27	Obbligazzjoni minn swaps kollaterali?	Iva	Alloka f'entrata rilevanti waħda ta' C75.00 u ID 1.3 fejn applikabbli.
		Le	# 28

#	Entrata	Deċiżjoni	Rapportar
28	Obbligazzjoni li tirriżulta fi fluss ta' ħruġ minn derivattivi skont l-Artikolu 30(4) tad-DA?	Iva	ID 1.1.4.5
		Le	ID1.1.7.3
29	Ammont mhux prelevat li jista' jiġi prelevat minn kreditu impenjat u faċilità ta' likwidità skont l-Art.31 ta' DA?	Iva	30
		Le	# 38
30	Faċilità ta' kreditu impenjata?	Iva	# 31
		Le	# 33
31	FIPS jew netwerk kooperattiv ittrattat bħala assi likwidu mill-istituzzjoni depożitanti?	Iva	ID 1.1.5.1.6
		Le	# 32
32	Fi grupp jew IPS soġġetta għal trattament preferenzjali?	Iva	ID 1.1.5.1.5
		Le	Alloka f'entrata waħda rilevanti li jifdal tal-ID 1.1.5.1
33	Faċilità ta' likwidità impenjata?	Iva	34
		ma japplikax	ma japplikax
34	FIPS jew netwerk kooperattiv ittrattat bħala assi likwidu mill-istituzzjoni depożitanti?	Iva	ID 1.1.5.2.7
		Le	# 35
35	Fi grupp jew IPS soġġetta għal trattament preferenzjali?	Iva	ID 1.1.5.2.6
		Le	# 36
36	Lil SSPEs?	Iva	Alloka f'entrata rilevanti waħda tal-ID 1.1.5.2.4
		Le	37
37	Lil kumpaniji ta' investiment personali?	Iva	ID 1.1.5.2.3
		Le	Alloka f'entrata waħda rilevanti li jifdal tal-ID 1.1.5.2
38	Prodotti jew servizzi oħra skont l-Art. 23 tad-DA?	Iva	# 39
		Le	Tirrapportax

#	Entrata	Deċiżjoni	Rapportar
39	Prodott relatat mal-finanzjament tal-kummerċ barra mill-karta tal-bilanċ?	Iva	ID1.1.6.8
		Le	# 40
40	Impenji kuntrattwali għall-estensjoni tal-finanzjament għall-konsumaturi mhux finanzjarji li jisbqu l-flejjes dovuti minn dawk il-konsumaturi?	Iva	Wieħed mill-IDs li ġejjin: 1.1.6.6.1.1. sa 1.1.6.6.1.4.
		Le	# 41
41	Avvanzi u self mhux prelevati lil kontropartijiet fil-livell ta' operatur?	Iva	ID 1.1.6.2
		Le	# 42
42	Ipoteki li ġew miftiehma iżda li għadhom ma ġewx prelevati	Iva	ID 1.1.6.3
		Le	# 43
43	Huwa fluss ta' ħruġ ieħor ipplanat relatat mat-tiġdid jew l-estensjoni ta' self ġdid?	Iva	ID 1.1.6.6.2.
		Le	# 44
44	Karti tal-kreditu?	Iva	ID 1.1.6.4
		Le	# 45
45	Overdraft?	Iva	ID 1.1.6.5
		Le	# 46
46	Derivattivi pjanati pagabbli?	Iva	ID1.1.6.7.
		Le	# 47
47	Obbligi oħrajn li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ jew ta' finanzjament kontinġenti?	Iva	ID1.1.6.1.
		Le	ID 1.1.6.9
48	Titolu ta' dejn diġà rapportat fl-entrata 1.1.7.2 ta' C 73.00?	Iva	Tirrapportax
		Le	# 49
49	Rekwiżit tal-likwidità għal derivattivi skont l-Artikolu 30.4 tad-DA diġà kkunsidrat fil-mistoqsija # 28?	Iva	Tirrapportax
		Le	Alloka fl-entrati rilevanti tal-ID 1.1.4

1.3. Struzzjonijiet dwar kolonni speċifiċi

Kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
010	<p>Ammont</p> <p>1.1. Struzzjonijiet speċifiċi dwar tranżazzjonijiet/depożiti mhux garantiti:</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-bilanċ pendenti ta' diversi kategoriji ta' obligazzjonijiet u impenji li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ kif speċifikat fl-Artikoli 22 sa 31 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>Soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti f'kull kategorija ta' flussi ta' ħruġ, l-ammont ta' kull entrata rapportat fil-Kolonna 010 tal-formula C 73.00 tal-Anness XXIV għandu jkun innettjat billi jitnaqqas l-ammont rilevanti ta' influż interdependenti skont l-Artikolu 26.</p> <p>1.2. Struzzjonijiet speċifiċi għal self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali:</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-bilanċ pendenti tal-obbligazzjonijiet skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, li jirrappreżentaw il-komponent ta' flus tat-tranżazzjoni garantita.</p>
020	<p>Valur tas-suq tal-kollateral estiż</p> <p>Struzzjonijiet dwar għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali:</p> <p>Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq ta' kollateral estiż li huwa kkalkolat bħala l-valur tas-suq gross attwali tal-haircut u nett mill-flussi li jirriżultaw mix-xoljiment tal-ħeġġijiet assoċjati (skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Dan il-kollateral estiż li għandu jkun irrapportat jirreferi biss għal assi tal-Livell 1, 2 A u 2B li jikkwalifikaw malli jimmaturaw bħala assi likwidi skont it-Titolu II. Meta l-kollateral ikun tal-Livell 1, 2 A jew 2B iżda li ma jikkwalifikax bħala assi likwidi skont it-Titolu II tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 għandu jkun irrapportat bħala mhux likwidi. Bl-istess mod, meta istituzzjoni ta' kreditu tista' tirrikonoxxu biss parti mill-ishma tagħha f'munita barranija, jew assi f'munita barranin ta' gvern ċentrali jew bank, jew assi fil-munita domestika tal-gvern ċentrali jew il-bank ċentrali fl-HQLA tagħha, il-parti rikonoxxibbli biss għandha tiġi rrapportata fir-ringieli tal-Livelli 1, 2 A u 2B, (f'konformità mal-Artikolu 12(1)(c)(i) sa (iii) u l-Artikolu 10(1)(d) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Meta l-assi partikolari jintuża bħala kollateral iżda f'ammont li huwa surplus għall-porzjon li jista' jkun rikonoxxut bħala assi likwidi, l-ammont surplus għandu jkun irrapportat fis-sezzjoni tan-mhux likwidi. — Assi tal-Livell 2 A għandhom ikunu rrapportati fir-ringiela tal-assi L2 A korrispondenti, anki jekk ikun qed jiġi segwit l-Approċċ Alternattiv ta' Likwidità (jiġifieri ċċaqlaqx L2 A lejn L1 firrapportar tat-tranżazzjoni garantita).
030	<p>Valur tal-kollateral estiż skont l-Artikolu 9</p> <p>Struzzjonijiet dwar għoti ta' self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali:</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-valur tal-kollateral estiż skont l-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Dan jiġi kkalkolat billi wieħed jimmultiplika l-Kolonna 020 tal-formula C 73.00 tal-Anness XXIV bil-ponderazzjoni/il-haircut applikabbli mill-formula C 72.00 tal-Anness XXIV korrispondenti għat-tip ta' assi. Il-Kolonna 030 tal-formula C 73.00 tal-Anness XXIV tintuża fil-kalkolu tal-ammont aġġustat tal-assi likwidi fil-formula C 76.00 tal-Anness XXIV.</p>
040	<p>Ponderazzjoni Standard</p> <p>L-Artikoli 24-31 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p>

Kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
	Il-ponderazzjonijiet standard fil-Kolonna 040 huma dawk speċifikati b'mod prestabbilit fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u huma pprovduti għall-informazzjoni biss.
050	<p>Ponderazzjoni Applikabbli</p> <p>Kemm garantiti kif ukoll mhux garantiti:</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-ponderazzjonijiet applikabbli. Dawn il-ponderazzjonijiet huma dawk speċifikati fl-Artikoli 22 sa 31 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Il-ponderazzjonijiet applikabbli jistgħu jirriżultaw f'valuri medji ponderati u għandhom ikunu rrapportati f'termini deċimali (jiġifieri 1,00 għal ponderazzjoni applikabbli ta' 100 fil-mija, jew 0,50 għal ponderazzjoni applikabbli ta' 50 fil-mija). Il-ponderazzjonijiet applikabbli jistgħu jirriflettu, iżda mhumiex limitati għal, diskrezzjonijiet speċifiċi għall-kumpanija u nazzjonali.</p>
060	<p>Fluss ta' ħruġ</p> <p>Kemm garantiti kif ukoll mhux garantiti:</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi ta' ħruġ. Dawn jiġu kkalkolati bil-multiplikazzjoni tal-Kolonna 010 C 73.00 tal-Anness XXIV bil-Kolonna 050 C 73.00 tal-Anness XXIV.</p>

1.4. Struzzjonijiet rigward ringieli speċifiċi

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
010	<p>1. FLUSSI TA' ĦRUĠ</p> <p>Il-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar il-flussi ta' ħruġ skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
020	<p>1.1. Flussi ta' ħruġ minn tranżazzjonijiet/depożiti mhux garantiti</p> <p>L-Artikoli 20 sa 31 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw dwar il-flussi ta' ħruġ skont l-Artikoli 21 sa 31 bl-eċċezzjoni tal-flussi ta' ħruġ skont l-Artikolu 28(3) u (4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
030	<p>1.1.1. Depożiti fil-livell ta' konsumatur</p> <p>L-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar id-depożiti fil-livell ta' konsumatur kif definit fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>Skont l-Artikolu 28(6) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ukoll jirrapportaw fil-kategorija xierqa tad-depożiti fil-livell ta' konsumatur l-ammont tan-noti, il-bonds u titoli oħrajn maħruġin li jinbiegħu b'mod esklussiv fis-suq tal-konsumatur u miżmuma f'kont fil-livell ta' konsumatur. Għal din il-kategorija ta' obbligazzjonijiet l-istituzzjonijiet ta' kreditu se jikkunsidraw ir-rati ta' flussi ta' ħruġ applikabbli previsti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 għall-kategoriji differenti ta' depożiti fil-livell ta' konsumatur. Għaldaqstant, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw bħala ponderazzjoni applikabbli l-medja tal-ponderazzjonijiet applikabbli rilevanti għal dawn id-depożiti.</p>
040	<p>1.1.1.1. depożiti fejn il-ħlas ikun ġie miftiehem fiż-żmien it-30 jum sussegwenti</p> <p>L-Artikolu 25(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>Meta jkun ġie miftiehem il-ħlas l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk id-depożiti b'maturità residwali ta' inqas minn 30 jum.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
050	<p>1.1.1.2. Depożiti soġġetti għal flussi ta' ħruġ ogħla</p> <p>L-Artikoli 25(2) u (3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-bilanċ sħiħ tad-depożiti soġġetti għal rati ta' fluss ta' ħruġ ogħla skont il-paragrafu 2 u 3 tal-Artikolu 25 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Dawk id-depożiti fil-livell ta' konsumatur fejn il-valutazzjoni skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 25 għall-kategorizzazzjoni tagħhom ma tkunx saret jew ma tkunx tlestiet għandhom jiġu rrapportati hawnhekk ukoll.</p>
060	<p>1.1.1.2.1. Kategorija 1</p> <p>L-Artikolu 25(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti kollu ta' kull depożitu fil-livell ta' konsumatur li jissodisfa l-kriterji fis-subparagrafu (a) jew tnejn mill-kriterji fis-subparagrafi (b) sa (e) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 25 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 sakemm dawn id-depożiti ma jkunux ittieħdu f'pajjiżi terzi fejn jiġi applikat fluss ta' ħruġ ogħla skont l-Artikolu 25(5), f'liema każ għandhom jiġu rrapportati f'din il-kategorija tal-aħħar.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw bħala ponderazzjoni applikabbli l-medja tar-rati, kemm dawk ir-rati standard previsti b'mod pristabbilit fis-subparagrafu (a) tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 25 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 jew oħrajn ogħla jekk applikati minn awtorità kompetenti, li ġew applikati b'mod effettiv fuq l-ammont sħiħ ta' kull depożitu msemmi fil-paragrafu preċedenti u ponderat bl-ammonti korrispondenti ċċitati.</p>
070	<p>1.1.1.2.2. Kategorija 2</p> <p>L-Artikolu 25(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti kollu ta' kull depożitu fil-livell ta' konsumatur li jissodisfa l-kriterji fis-subparagrafu (a) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 25 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u mill-inqas kriterju ieħor imsemmi f'dak il-paragrafu 2 jew tliet kriterji jew iktar tal-paragrafu ċitat sakemm dawn id-depożiti ma jkunux ittieħdu f'pajjiżi terzi fejn huwa applikat fluss ta' ħruġ ogħla skont l-Artikolu 25(5) f'liema każ għandhom jiġu rrapportati f'din il-kategorija tal-aħħar.</p> <p>Dawk id-depożiti fil-livell ta' konsumatur fejn il-valutazzjoni skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 25 għall-kategorizzazzjoni tagħhom ma tkunx saret jew ma tkunx tlestiet għandhom jiġu rrapportati hawnhekk ukoll.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw bħala ponderazzjoni applikabbli l-medja tar-rati, jew dawk ir-rati standard previsti b'mod pristabbilit fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 25 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 jew oħrajn ogħla jekk applikati minn awtorità kompetenti, li ġew applikati b'mod effettiv fuq l-ammont sħiħ ta' kull depożitu msemmi fil-paragrafi preċedenti u ponderati bl-ammonti korrispondenti ċċitati.</p>
080	<p>1.1.1.3. Depożiti stabbli derogati</p> <p>L-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-parti tal-ammonti ta' depożiti fil-livell ta' konsumatur koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE jew id-Direttiva 2014/49/UE jew skema ta' garanzija ta' depożiti ekwivalenti f'pajjiżi terzi u li jew hija parti minn re-lazzjoni stabbilita li tagħmel il-prelevament ferm improbabbli jew miżmuma f'kont tranżazzjonali skont l-Artikolu 24 (2) u (3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 rispettivamente u fejn:</p> <p>— Dawn id-depożiti ma jissodisfawx il-kriterji għal rata ta' fluss ta' ħruġ ogħla skont l-Artikolu 25 il-paragrafi 2, 3, jew 5 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 f'liema każ dawn għandhom ikunu rrapportati bħala depożiti soġġetti għal flussi ta' ħruġ ogħla; jew</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
	<ul style="list-style-type: none"> — Dawn id-depożiti ma ttiħdux f'pajjiżi terzi fejn huwa applikat fluss ta' ħruġ ogħla skont l-Artikolu 25(5), f'liema każ għandhom ikunu rrapportati f'din il-kategorija; — Id-deroga speċifikata fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 24 mhijiex applikabbli.
090	<p>1.1.1.4. Depożiti stabbli derogati</p> <p>L-Artikoli 24(4) u (6) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-parti tal-ammonti ta' depożiti fil-livell ta' konsumatur koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE sa livell massimu ta' EUR 100 000 u li hija parti minn relazzjoni stabbilita li tagħmel il-prelevament ferm improbabbli jew li hija miżmuma f'kont tranżazzjonali skont l-Artikolu 24(2) u (3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 rispettivament u fejn:</p> <p>Dawn id-depożiti ma jissodisfawx il-kriterji għal rata ta' fluss ta' ħruġ ogħla skont l-Artikolu 25 il-paragrafi 2, 3, jew 5 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 f'liema każ dawn għandhom ikunu rrapportati bħala depożiti soġġetti għal flussi ta' ħruġ ogħla; jew</p> <ul style="list-style-type: none"> — Dawn id-depożiti ma ttiħdux f'pajjiżi terzi fejn huwa applikat fluss ta' ħruġ ogħla skont l-Artikolu 25(5), f'liema każ għandhom ikunu rrapportati f'din il-kategorija; — Tapplika d-deroga prevista fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 24.
100	<p>1.1.1.5. Depożiti f'pajjiżi terzi fejn jiġi applikat fluss ta' ħruġ ogħla</p> <p>L-Artikolu 25(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' depożiti fil-livell ta' konsumatur meħudin f'pajjiżi terzi fejn huwa applikat fluss ta' ħruġ ogħla skont il-liġi nazzjonali li tistabbilixxi rekwiżiti tal-likwidità f'dak il-pajjiż terz.</p>
110	<p>1.1.1.6. Depożiti fil-livell ta' konsumatur oħra</p> <p>L-Artikolu 25(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' depożiti fil-livell ta' konsumatur oħra ħlief dawk koperti fl-entrati preċedenti.</p>
120	<p>1.1.2. Depożiti operazzjonali</p> <p>L-Artikolu 27 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar id-depożiti operazzjonali skont l-Artikolu 27 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, bl-eċċezzjoni tad-depożiti li jirriżultaw minn relazzjoni bankarja korrispondenti jew mill-forniment ta' servizzi ta' senserija primarja li huma kkunsidrati bħala depożiti mhux operazzjonali skont l-Artikolu 27(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
130	<p>1.1.2.1. Miżmumin għall-ikklerjar, il-kustodja, l-immaniġġjar ta' flus jew servizzi komparabbli oħrajn fil-kuntest ta' relazzjoni operazzjonali stabbilita</p> <p>L-Artikolu 27(1)(a), l-Artikolu 27(2) u l-Artikolu 27(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
	<p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar id-depożiti miżmumin mid-depożitant sabiex jinkisbu servizzi ta' kklerjar, kustodja jew ta' mmaniġġjar tal-flus jew servizzi komparabbli oħrajn fil-kuntest ta' relazzjoni stabbilita (skont l-Artikolu 27(1)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61) li huwa ta' importanza kritika għad-depożitant (skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61); fondi li jaqbzū daww meħtieġa għall-forniment ta' servizzi operazzjonali jiġu ttrattati bħala depożiti mhux operazzjonali (skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61).</p> <p>Daww id-depożiti biss li jkollhom limitazzjonijiet legali jew operazzjonali sinifikanti li minħabba fihom mhux probabbli li jsiru prelevamenti sinifikanti fi żmien 30 jum tal-kalendarju (skont l-Artikolu 27(4)) għandhom ikunu rrapportati.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw b'mod separat, skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, l-ammont ta' daww id-depożiti koperti u mhux koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti jew skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti ta' pajjiż terz, kif speċifikat fl-entrati li ġejjin tal-istruzzjonijiet.</p>
140	<p>1.1.2.1.1. Koperti minn SGD (Skema ta' Garanzija tad-Depożiti)</p> <p>L-Artikolu 27(1)(a), l-Artikolu 27(2) u l-Artikolu 27(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw is-sehem tal-bilanċ pendenti ta' depożiti operazzjonali miżmumin fil-kuntest ta' relazzjoni operazzjonali stabbilita li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 27(1)(a) u 27(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u li huwa kopert minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE, jew id-Direttiva 2014/49/UE jew skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz.</p>
150	<p>1.1.2.1.2. Mhux koperti bi SGD</p> <p>L-Artikolu 27(1)(a), l-Artikolu 27(2) u l-Artikolu 27(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw is-sehem tal-bilanċ pendenti ta' depożiti operazzjonali fil-kuntest ta' relazzjoni operazzjonali stabbilita li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 27(1)(a) u 27(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u li mhuwiex kopert minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE, jew id-Direttiva 2014/49/UE jew skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz.</p>
160	<p>1.1.2.2. Miżmumin fil-kuntest ta' IPS (Institutional Protection Scheme — Skema ta' Protezzjoni Istituzzjonali) jew netwerk kooperattiv</p> <p>L-Artikolu 27(1)(b) u l-Artikolu 27(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar depożiti miżmumin fil-kuntest ta' qsim ta' kompiti komuni fi ħdan skema ta' protezzjoni istituzzjonali li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew fi ħdan grupp ta' istituzzjonijiet ta' kreditu kooperattivi affiljati b'mod permanenti ma' korp ċentrali li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 113(6) tal-istess Regolament, jew bħala depożitu minimu legali jew stabbilit kuntrattwalment minn istituzzjoni ta' kreditu oħra li hija Membru tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali jew netwerk kooperattiv, kif stabbilit fl-Artikolu 27(1)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw daww id-depożiti fringieli differenti skont jekk humiex ittrattati bħala assi likwidi mill-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti jew le, skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
170	<p>1.1.2.2.1. Mhux ittrattati bħala assi likwidi għall-istituzzjoni depożitanti</p> <p>L-Artikolu 27(1)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
	<p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' depożiti miż-mumin fil-kuntest ta' netwerk kooperattiv jew skema ta' protezzjoni istituzzjonali skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 27(1)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, dment li dawn id-depożiti ma jkunux rikonoxxuti bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti.</p>
180	<p>1.1.2.2. Trattati bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti</p> <p>L-Artikolu 27(1)(b) u l-Artikolu 27(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw depożiti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu pjazzati fl-istituzzjoni ta' kreditu ċentrali li huma kkunsidrati bħala assi likwidi għall-istituzzjoni ta' kreditu depożitanti skont l-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' dawn id-depożiti sal-ammont tal-assi likwidi korrispondenti wara l-haircut, kif stabbilit fl-Artikolu 27(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
190	<p>1.1.2.3. Miżmumin fil-kuntest ta' relazzjoni operazzjonali stabbilita (oħra) ma' konsumaturi mhux finanzjarji</p> <p>L-Artikolu 27(1)(c), l-Artikolu 27(4) u l-Artikolu 27(6) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' depożiti miż-mumin minn konsumatur mhux finanzjarju fil-kuntest ta' relazzjoni operazzjonali stabbilita għajr dik imsemmija fl-Artikolu 27(1)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, u sōggetta għar-reqwiziti stabbiliti fl-Artikolu 27(6).</p> <p>Għandhom jiġu rrapportati biss dawk id-depożiti li jkollhom limitazzjonijiet legali jew operazzjonali sinifikanti li minħabba fihom ikun mhux probabbli li jsiru prelevamenti sinifikanti fi żmien 30 jum tal-kalendarju (skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni(UE) 2015/61).</p>
200	<p>1.1.2.4. Miżmumin sabiex jinkisbu servizzi ta' kklerjar tal-flus u ta' istituzzjoni ċentrali f'network</p> <p>L-Artikolu 27(1)(d) u l-Artikolu 27(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' depożiti miż-mumin mid-depożitant sabiex jinkisbu servizzi ta' kklerjar tal-flus u ta' istituzzjoni ċentrali, u meta l-istituzzjoni ta' kreditu tkun tappartjeni għal wieħed min-netwerks jew waħda mill-iskemi msemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, kif stabbilit fl-Artikolu 27(1)(d) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Dan l-ikklerjar ta' flus u servizzi ta' istituzzjoni ta' kreditu ċentrali jkopru biss dawk is-servizzi sakemm jingħataw fil-kuntest ta' relazzjoni stabbilita li hija ta' importanza kritika għad-depożitant (skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61); fondi li jaqbżu dawk meħtieġa għall-forniment ta' servizzi operazzjonali jiġu ttrattati bħala depożiti mhux operazzjonali (skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61).</p> <p>Għandhom jiġu rrapportati biss dawk id-depożiti li jkollhom limitazzjonijiet legali jew operazzjonali sinifikanti li minħabba fihom ikun mhux probabbli li jsiru prelevamenti sinifikanti fi żmien 30 jum tal-kalendarju (skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni(UE) 2015/61).</p>
210	<p>1.1.3. Depożiti mhux operazzjonali</p> <p>L-Artikolu 27(5), l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(9) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
	<p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar depożiti mhux garantiti msemmija fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u dawk li jirriżultaw minn relazzjoni bankarja korrispondenti jew mill-forniment ta' servizzi ta' senserija primarja skont l-Artikolu 27(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw b'mod separat, bl-eċċezzjoni tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn relazzjoni bankarja korrispondenti jew mill-forniment ta' servizzi ta' senserija primarja skont l-Artikolu 27(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, l-ammont ta' dawn id-depożiti mhux operazzjonali koperti u mhux koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti jew skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti ta' pajjiż terz, kif speċifikat fl-entrati li ġejjin tal-istruzzjonijiet.</p>
220	<p>1.1.3.1. Depożiti ta' bbankjar korrispondenti u depożiti ta' senserija primarja</p> <p>L-Artikolu 27(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' depożiti li jirriżultaw minn relazzjoni bankarja korrispondenti jew mill-forniment ta' servizzi ta' senserija primarja kif imsemmija fl-Artikolu 27(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
230	<p>1.1.3.2. Depożiti minn konsumaturi finanzjarji</p> <p>L-Artikolu 31(10) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' depożiti miżmumin minn konsumaturi finanzjarji dment li ma jkunux ikkunsidrati bħala depożiti operazzjonali skont l-Artikolu 27 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jinkludu hawnhekk ukoll il-fondi li jaqbżu dawk meħtieġa għall-forniment ta' servizzi operazzjonali skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
240	<p>1.1.3.3. Depożiti minn konsumaturi oħrajn</p> <p>L-Artikolu 28(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar id-depożiti miżmumin minn konsumaturi oħrajn (minbarra konsumaturi finanzjarji u konsumaturi kkunsidrati għad-depożiti fil-livell ta' konsumatur) skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, dment li mhumiex ikkunsidrati bħala depożiti operazzjonali skont l-Artikolu 27.</p> <p>Din is-sezzjoni għandha tinkludi wkoll:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-fondi li jaqbżu dawk meħtieġa għall-forniment ta' servizzi operazzjonali skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 dment li ma jkunux mingħand konsumaturi finanzjarji; u — il-parti feċċess tad-depożiti skont l-Artikolu 27(6) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. <p>Dawn id-depożiti għandhom ikunu rrapportati f'żewġ ringieli differenti skont l-ammont tad-depożitu kopert jew mhux kopert (minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti jew Skema ta' Garanzija tad-Depożiti ekwivalenti ta' pajjiż terz).</p>
250	<p>1.1.3.3.1. koperti bi SGD</p> <p>L-Artikolu 28(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' dawn id-depożiti miżmumin minn konsumaturi oħrajn u koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE jew id-Direttiva 2014/48/KE jew Skema ta' Garanzija tad-Depożiti ekwivalenti fpajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 28(1).</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
260	<p>1.1.3.3.2. Mhux koperti bi SGD</p> <p>L-Artikolu 28(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' dawn id-depożiti miżmumin minn konsumaturi oħrajn u mhux koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE jew id-Direttiva 2014/48/KE jew Skema ta' Garanzija tad-Depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 28(1).</p>
270	<p>1.1.4. Flussi ta' flus addizzjonali</p> <p>L-Artikolu 30 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar flussi ta' ħruġ addizzjonali kif definit fl-Artikolu 30 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>Skont l-Artikolu 30(7) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 id-depożiti riċevuti bħala kollateral ma jitqisux bħala obbligazzjonijiet għall-finijiet tal-Artikolu 27 jew 29 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 iżda jkunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 6 tal-Artikolu 30 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 fejn applikabbli.</p>
280	<p>1.1.4.1. Kollateral għajr assi tal-Livell 1 iddepożitati għal derivattivi</p> <p>L-Artikolu 30(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq ta' kollateral ieħor għajr tal-Livell 1 li huwa depożitat għall-kuntratti elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u derivattivi ta' kreditu.</p>
290	<p>1.1.4.2. kollateral ta' assi ta' Bonds Koperti EHQ tal-Livell 1 depożitati għal derivattivi</p> <p>L-Artikolu 30(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq ta' kollateral ta' Bonds Koperti EHQ tal-Livell 1 li huwa depożitati għall-kuntratti elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u derivattivi ta' kreditu.</p>
300	<p>1.1.4.3. Flussi ta' ħruġ materjali dovuti għad-deterjorament tal-kwalità kreditizja proprja</p> <p>L-Artikolu 30(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont totali ta' flussi ta' ħruġ addizzjonali li kkalkolaw u nnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>Jekk ammont soġġett għal fluss ta' ħruġ minħabba deterjorament fil-kwalità kreditizja proprja jkun ġie rrapportat xi mkien ieħor f'ringiela b'inqas minn ponderazzjoni ta' 100 %, allura għandu jkun irrapportat ukoll ammont fir-Ringiela 300 b'mod li s-somma tal-flussi ta' ħruġ tkun ta' 100 % tal-fluss ta' ħruġ għat-tranżazzjoni.</p>
310	<p>1.1.4.4. impatt ta' xenarju negattiv tas-suq fuq id-derivattivi, it-tranżazzjonijiet ta' finanzjament u kuntratti oħrajn</p> <p>L-Artikolu 30(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' flussi ta' ħruġ ikkalkolati skont l-att delegat li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 423(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
320	<p>1.1.4.4.1. Approċċ Storiku (Historical Look-back Approach — HLBA)</p> <p>L-Artikolu 30(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Approċċ Storiku skont l-att delegat li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 423(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.</p>
330	<p>1.1.4.4.2. L-approċċ ta' Metodu Avvanzat għal Flussi ta' Ħruġ Addizzjonali (Advanced Method for Additional Outflows — AMAO)</p> <p>L-Artikolu 30(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk l-ammont feċċess fuq l-ammont fl-entrata 1.1.4.4.1 li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Metodu Avvanzat għal Flussi ta' Ħruġ Addizzjonali skont l-att delegat li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 423(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu li ġew awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti biex jużaw il-metodu tal-mudell intern (IMM) stabbilit fis-Sezzjoni 6 tal-Kapitolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jirrapportaw din l-entrata.</p>
340	<p>1.1.4.5. flussi ta' ħruġ minn derivattivi</p> <p>L-Artikolu 30(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' flussi ta' ħruġ mistennija fuq perjodu ta' 30 jum tal-kalendarju mill-kuntratti elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 575/2013 ikkalkolat skont l-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>Għar-rapportar ta' munita sinifikanti biss, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-flussi ta' ħruġ li jseħħu biss fil-munita sinifikanti rispettiva. In-nettjar skont il-kontroparti jista' jiġi applikat biss għall-flussi f'dik il-munita, pereżempju Kontroparti A: EUR+10 u Kontroparti A: EUR-20 għandhom ikunu rrapportati bħala fluss ta' ħruġ ta' EUR 10. Ma jistax isir nettjar bejn il-kontropartijiet, pereżempju Kontroparti A: EUR- 10, Kontroparti B: EUR+40 għandu jiġi rrapportat bħala fluss ta' ħruġ ta' EUR 10 f'€73.00 (u fluss ta' dħul ta' EUR 40 f'€74.00).</p>
350	<p>1.1.4.6. pożizzjonijiet qosra</p> <p>L-Artikolu 30(5) u l-Artikolu 30(11) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjoni ta' kreditu għandha żżid fluss ta' ħruġ addizzjonali li jikkorrispondi għal 100 % tal-valur tas-suq ta' titoli jew assi oħrajn mibjugħa bin-nieqes u li se jiġu kkonsenjati fi żmien 30 jum tal-kalendarju sabiex tirrifletti r-reqwiżiti li l-istituzzjoni teħtieġ tikkollateralizza assi meħuda b'self biex issalda kwalunkwe bejgħ bin-nieqes. L-ebda fluss ta' ħruġ ma għandu jiġi presunt lanqas jekk l-istituzzjoni ta' kreditu hija s-sid tat-titoli li għandhom jiġu kkonsenjati, peress li ġew saldati kompletament, jew ittieħdu b'self b'termini li jeħtieġu r-ritorn tagħhom biss wara perjodu ta' 30 jum tal-kalendarju, u t-titoli ma jiffurkaw parti mill-assi likwidi tal-istituzzjoni. Jekk il-pożizzjoni qasira qiegħda tiġi koperta minn tranżazzjoni ta' finanzjament ta' titoli kollateralizzati, l-istituzzjoni ta' kreditu tassumi li l-pożizzjoni qasira sejra tinżamm matul il-perjodu ta' 30 jum tal-kalendarju kollu u tirċievi fluss ta' ħruġ ta' 0 %.</p>
360	<p>1.1.4.6.1. Koperti minn SFT (securities financing transactions — tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli) kollateralizzati</p> <p>L-Artikolu 30(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq ta' titoli jew assi oħrajn mibjugħin bin-nieqes li huma koperti minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli kollateralizzati u li għandhom jiġu kkonsenjati fi żmien 30 jum tal-kalendarju sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx is-sid tat-titoli li għandhom jiġu kkonsenjati jew li tkun isselfithom b'termini li jeħtieġu r-ritorn tagħhom biss wara perjodu ta' 30 jum tal-kalendarju, u t-titoli ma jiffurkaw parti mill-assi likwidi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Jekk il-pożizzjoni qasira qiegħda tiġi koperta minn tranżazzjoni ta' finanzjament ta' titoli kollateralizzati, l-istituzzjoni ta' kreditu tassumi li l-pożizzjoni qasira sejra tinżamm matul il-perjodu ta' 30 jum tal-kalendarju kollu u tirċievi fluss ta' ħruġ ta' 0 %.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
370	<p>1.1.4.6.2. oħrajn</p> <p>L-Artikolu 30(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq ta' titoli jew assi oħrajn mibjugħin bin-nieqes minbarra dawk li huma koperti minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli kollateralizzati u li għandhom jiġu kkonsenjati fi żmien 30 jum tal-kalendarju sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx is-sid tat-titoli li għandhom jiġu kkonsenjati jew tkun isselfithom b'termini li jeh-tieġu r-ritorn tagħhom biss wara perjodu ta' 30 jum tal-kalendarju u t-titoli ma jiffurmaxw parti mill-assi likwidi tal-istituzzjoni ta' kreditu.</p>
380	<p>1.1.4.7. Kollateral feċċess eżerċitabbli</p> <p>L-Artikolu 30(6)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq tal-kollateral eċċessiv li l-istituz-zjoni ta' kreditu jkollha, li huwa kuntrattwalment eżerċitabbli fi kwalunkwe ħin mill-kontroparti.</p>
390	<p>1.1.4.8. kollateral dovut</p> <p>L-Artikolu 30(6)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq tal-kollateral li huwa dovut li jrid jingħata lil kontroparti fi żmien 30 jum tal-kalendarju.</p>
400	<p>1.1.4.9. Kollateral ta' assi likwidi skambjabbli ma' assi mhux likwidi</p> <p>L-Artikolu 30(6)(c) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-valur tas-suq tal-kollateral li jikkwalifika bħala assi likwidi għall-finijiet tat-Titolu II li jistgħu jiġu sostitwiti għall-assi li jikkorrispondu għal assi li ma jkunux jikkwalifikaw bħala assi likwidi għall-finijiet tat-Titolu II mingħajr il-kunsens tal-istituz-zjoni.</p>
410	<p>1.1.4.10. Telf ta' finanzjament fuq attivitajiet ta' finanzjament strutturat</p> <p>L-Artikolu 30(8) sa 30(10) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jassumu fluss ta' ħruġ ta' 100 % għal telf ta' finanzjament minn titoli garantiti b'assi, bonds koperti u strumenti oħrajn ta' finanzjament strutturati li jimmatu-raw fi żmien 30 jum tal-kalendarju maħruġin mill-istituzzjoni ta' kreditu jew minn veikoli jew SPVs sponsorjati.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma fornituri ta' faċilitajiet ta' likwidità assoċjati ma għandhomx bżonn li jgħoddu darbtejn l-istrument ta' finanzjament maturat u l-faċilità ta' likwidità għall-pro-grammi konsolidati.</p>
420	<p>1.1.4.10.1. Strumenti ta' finanzjament strutturat</p> <p>L-Artikolu 30(8) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont pendenti kurrenti ta' obligazzjonijiet proprji jew obligazzjonijiet ta' veikoli jew SPVs sponsorjati minn titoli garantiti b'assi, bonds ko-perti u strumenti oħrajn ta' finanzjament strutturat li jimmatu-raw fil-perjodu tat-30 jum tal-kalen-darju.</p>
430	<p>1.1.4.10.2. faċilitajiet ta' finanzjament</p> <p>L-Artikolu 30(9) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
	<p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont li se jimmaturow ta' obligazzjonijiet minn karti kummerċjali, veikoli, veikoli ta' investiment tat-titoli garantiti b'assi u faċilitajiet oħrajn ta' finanzjament bħal dawn, dment li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni tal-istrumenti definiti fl-entrata 1.1.4.10.1, jew l-ammont tal-assi li potenzjalment jistgħu jiġu rritornati jew għal-likwidità meħtieġa fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk l-istrumenti.</p> <p>Il-finanzjament kollu fuq karti kummerċjali, veikoli, veikoli ta' investiment tat-titoli garantiti b'assi u faċilitajiet oħrajn ta' finanzjament bħal dawn li jimmaturow jew li jistgħu jiġu rritornati fi żmien 30 jum. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li għandhom faċilitajiet ta' finanzjament strutturati li jinkludu l-ħruġ ta' strumenti tad-dejn fuq żmien qasir, bħal karti kummerċjali garantiti b'assi, għandhom jirrapportaw il-flussi ta' ħruġ potenzjali tal-likwidità minn dawn l-istrutturi. Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal (i) l-inabbiltà li dejn li jimmaturow jiġi rifinanzjat, u (ii) l-eżistenza ta' derivattivi jew komponenti simili għal derivattivi miktubin b'kuntratt fid-dokumentazzjoni assoċjata mal-istruttura li tippermetti r-'ritorn' ta' assi f'arranġament ta' finanzjament, jew li jeħtieġu lil min jittrasferixxi l-assi oriġinali jipprovdli likwidità, u b'hekk itemm b'mod effettiv l-arranġament ta' finanzjament ('puts ta' likwidità') fi żmien il-perjodu ta' 30 jum. Meta l-attivitajiet ta' finanzjament strukturati isiru permezz ta' entità bi skop speċjali (bħal veikolu bi skop speċjali, veikolu jew SIV), meta tiddetermina r-rekwiżiti tal-HQLA, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tirreferi għall-maturità tal-istrumenti tad-dejn maħruġin mill-entità u kwalunkwe opzjoni inkorporata f'arranġamenti ta' finanzjament li jistgħu potenzjalment jiskattaw ir-'ritorn' ta' assi jew il-ħtieġa għal-likwidità, irrispettivament minn jekk l-SPV huwiex konsolidat jew le.</p>
440	<p>1.1.4.11. Assi meħudin b'self fuq bażi mhux iggarantita</p> <p>L-Artikolu 30(11) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk l-assi mislufin fuq bażi mhux garantita u li jimmaturow fi żmien 30 jum. Dawn l-assi għandhom jitqiesu li jiġu likwidati bis-sħiħ, u jwasslu għal fluss ta' ħruġ ta' 100 %. Dan it-trattament għandu l-għan li jirrifletti l-fatt li t-titoli mogħtija b'self b'tariffa x'aktarx li jinġabru lura f'kundizzjonijiet ta' stress jew li l-mutwanti tat-titoli jfittxu kollateralizzazzjoni sħiħa.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-valur tas-suq tal-assi meħuda b'self fuq bażi mhux garantita u li jimmaturow fi żmien 30 jum tal-kalendarju meta l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx sid it-titoli u dawn ma jiffurmawx parti mill-buffer tal-likwidità tal-istituzzjonijiet.</p>
450	<p>1.1.4.12. Netting intern ta' pożizzjonijiet tal-konsumaturi</p> <p>L-Artikolu 30(12) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-valur tas-suq tal-assi ta' konsumatur fejn fir-rigward ta' servizzi ta' senserija primarja istituzzjoni ta' kreditu tkun iffinanzjat l-assi ta' konsumatur wieħed billi nnettjathom internament kontra l-bejgħ qasir ta' konsumatur ieħor.</p>
460	<p>1.1.5. Faċilitajiet impenjati</p> <p>L-Artikolu 31 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar il-flussi ta' ħruġ kif definit fl-Artikolu 31 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk ukoll dwar il-faċilitajiet impenjati skont l-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-ammont massimu li jista' jiġi prelevat għandu jkun ivvalutat skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
470	<p>1.1.5.1. faċilitajiet ta' kreditu</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar faċilitajiet ta' kreditu impenjati kif definit fl-Artikolu 31(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
480	<p>1.1.5.1.1. fil-livell ta' konsumaturi</p> <p>L-Artikolu 31(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati lill-konsumaturi fil-livell ta' konsumatur kif definit fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
490	<p>1.1.5.1.2. lil konsumaturi mhux finanzjarji minbarra konsumaturi fil-livell ta' konsumatur</p> <p>L-Artikolu 31(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati lil konsumaturi li la huma konsumaturi finanzjarji skont l-Artikolu 3(9) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u lanqas konsumaturi fil-livell ta' konsumatur skont l-Artikolu 3(8) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u li ma jkunux ġew ipprovduti għall-iskop li jissostitwixxu finanzjament tal-klijent f'sitwazzjonijiet fejn il-klijent ma jkunx jista' jikseb ir-reqwiziti tal-finanzjament fis-swieq finanzjarji.</p>
500	<p>1.1.5.1.3. lil istituzzjonijiet ta' kreditu</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar il-faċilitajiet ta' kreditu impenjati pprovduti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu.</p>
510	<p>1.1.5.1.3.1. għall-finanzjament ta' self promozzjonali ta' konsumaturi fil-livell ta' konsumatur</p> <p>L-Artikolu 31(9) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati pprovduti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu għall-iskop uniku ta' finanzjament dirett jew indirett ta' self promozzjonali li jikkwalifika bħala skoperturi għal konsumaturi skont l-Artikolu 3(8) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>Huma biss l-istituzzjonijiet ta' kreditu li ġew stabbiliti u li huma sponsorjati minn gvern ċentrali jew reġjonali ta' mill-inqas Stat Membru wieħed li jistgħu jirrapportaw din l-entrata.</p>
520	<p>1.1.5.1.3.2. għall-finanzjament ta' self promozzjonali ta' konsumaturi mhux finanzjarji</p> <p>L-Artikolu 31(9) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati pprovduti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu għall-iskop uniku ta' finanzjament dirett jew indirett ta' self promozzjonali li jikkwalifika bħala skoperturi għal konsumaturi li la huma konsumaturi finanzjarji skont l-Artikolu 3(9) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u lanqas konsumaturi fil-livell ta' konsumatur skont l-Artikolu 3(8) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>Huma biss l-istituzzjonijiet ta' kreditu li ġew stabbiliti u li huma sponsorjati minn gvern ċentrali jew reġjonali ta' mill-inqas Stat Membru wieħed li jistgħu jirrapportaw din l-entrata.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
530	<p>1.1.5.1.3.3. oħrajn</p> <p>L-Artikolu 31(8)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati pprovduti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu għajr dawk rapportati hawn fuq.</p>
540	<p>1.1.5.1.4. lil istituzzjonijiet finanzjarji regolati minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu</p> <p>L-Artikolu 31(8)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati pprovduti lil istituzzjonijiet finanzjarji regolati għajr istituzzjonijiet ta' kreditu.</p>
550	<p>1.1.5.1.5. fi grupp jew IPS soġġetta għal trattament preferenzjali</p> <p>L-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati u li għalihom għandhom permess japplikaw rata ta' fluss ta' ħruġ iktar baxxa skont l-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
560	<p>1.1.5.1.6. FIPS jew netwerk kooperattiv jekk trattati bħala assi likwidi mill-istituzzjoni depożitanti</p> <p>L-Artikolu 31(7) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>Istituzzjonijiet ċentrali ta' skema jew netwerk imsemmija fl-Artikolu 16 għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati lil istituzzjoni ta' kreditu membru fejn tali istituzzjoni ta' kreditu membru tista' tittratta l-faċilità bħala assi likwidi skont l-Artikolu 16(2).</p>
570	<p>1.1.5.1.7. lil konsumaturti finanzjarji oħra</p> <p>L-Artikolu 31(8)(c) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati minbarra dawk rapportati hawn fuq lil konsumaturti finanzjarji oħrajn.</p>
580	<p>1.1.5.2. faċilitajiet ta' likwidità</p> <p>L-Artikolu 31(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar faċilitajiet ta' likwidità impenjati kif definit fl-Artikolu 31(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
590	<p>1.1.5.2.1. lil konsumaturti fil-livell ta' konsumaturti</p> <p>L-Artikolu 31(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati lil konsumaturti fil-livell ta' konsumatur kif definit fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
600	<p>1.1.5.2.2. lil konsumaturi mhux finanzjarji minbarra konsumaturi fil-livell ta' konsumatur</p> <p>L-Artikolu 31(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati lil konsumaturi li la huma konsumaturi finanzjarji skont l-Artikolu 3(9) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u lanqas konsumaturi fil-livell ta' konsumatur skont l-Artikolu 3(8) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
610	<p>1.1.5.2.3. lil kumpaniji ta' investiment personali</p> <p>L-Artikolu 31(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammonti massimi li jistgħu jiġu prelevati minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati pprovduti lil kumpaniji tal-investiment privat.</p>
620	<p>1.1.5.2.4. lil SSPEs (veikolu bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni)</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar faċilitajiet ta' likwidità impenjati pprovduti lil SSPEs.</p>
630	<p>1.1.5.2.4.1 għax-xiri ta' assi għajr it-titoli mingħand konsumaturi mhux finanzjarji</p> <p>L-Artikolu 31(6) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati pprovduti lil SSPE bil-għan li jippermetti lit-tali SSPE tixtri assi, għajr titoli mingħand klijenti li mhumiex konsumaturi finanzjarji, sal-punt li jaqbeż l-ammont ta' assi attwalment mixtrija mingħand il-klijenti u meta l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat ikun kuntrattwalment limitat għall-ammont ta' assi attwalment mixtrija.</p>
640	<p>1.1.5.2.4.2. oħrajn</p> <p>L-Artikolu 31(8)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati pprovduti lil SSPEs għal raġunijiet differenti minn dawk imsemmija hawn fuq. Dan jinkludi arranġamenti li taħthom l-istituzzjoni hija meħtieġa tixtri jew tiswappja assi minn SSPE.</p>
650	<p>1.1.5.2.5. lil istituzzjonijiet ta' kreditu</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar faċilitajiet ta' likwidità impenjati pprovduti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu.</p>
660	<p>1.1.5.2.5.1. għall-finanzjament ta' self promozzjonali ta' konsumaturi fil-livell ta' konsumatur</p> <p>L-Artikolu 31(9) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati pprovduti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu għall-iskop uniku ta' finanzjament dirett jew indirett ta' self promozzjonali li jikkwalifika bħala skoperturi għal konsumaturi skont l-Artikolu 3(8) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>Huma biss l-istituzzjonijiet ta' kreditu li ġew stabbiliti u li huma sponsorjati minn gvern ċentrali jew reġjonali ta' mill-inqas Stat Membru wieħed li jistgħu jirrapportaw din l-entrata.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
670	<p>1.1.5.2.5.2. għall-finanzjament ta' self promozzjonali ta' konsumaturi mhux finanzjarji</p> <p>L-Artikolu 31(9) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati pprovduti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu għall-iskop uniku ta' finanzjament dirett jew indirett ta' self promozzjonali li jikkwalifika bħala skoperturi għal konsumaturi li la huma konsumaturi finanzjarji skont l-Artikolu 3(9) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u lanqas konsumaturi fil-livell ta' konsumatur skont l-Artikolu 3(8) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>Huma biss l-istituzzjonijiet ta' kreditu li ġew stabbiliti u li huma sponsorjati minn gvern ċentrali jew reġjonali ta' mill-inqas Stat Membru wieħed li jistgħu jirrapportaw din l-entrata.</p>
680	<p>1.1.5.2.5.3. oħrajn</p> <p>L-Artikolu 31(8)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati pprovdut lill-istituzzjonijiet ta' kreditu mhux imsemija hawn fuq.</p>
690	<p>1.1.5.2.6. fi grupp jew IPS soġġetta għal trattament preferenzjali</p> <p>L-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati u li għalihom għandhom permess japplikaw rata ta' fluss ta' ħruġ iktar baxxa skont l-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
700	<p>1.1.5.2.7. FIPS jew netwerk kooperattiv jekk trattati bħala assi likwidi mill-istituzzjoni depożitanti</p> <p>L-Artikolu 31(7) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>Istituzzjonijiet ċentrali ta' skema jew netwerk imsemija fl-Artikolu 16 għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux prelevati lil istituzzjoni ta' kreditu membru fejn tali istituzzjoni ta' kreditu membru tista' tittratta l-faċilità bħala assi likwidu skont l-Artikolu 16(2).</p>
710	<p>1.1.5.2.8. lil konsumaturti finanzjarji oħra</p> <p>L-Artikolu 31(8)(c) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux prelevati minbarra dawk irrapportati hawn fuq lil konsumaturi finanzjarji oħrajn.</p>
720	<p>1.1.6. Prodotti u servizzi oħra</p> <p>L-Artikolu 23(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk dwar dawk il-prodotti jew servizzi msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-ammont li għandu jiġi rrapportat għandu jkun l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat minn dawk il-prodotti jew servizzi msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>Il-ponderazzjoni applikabbli li għandha tiġi rrapportata għandha tkun il-ponderazzjoni kif iddeterminata mill-awtoritajiet kompetenti skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
730	<p>1.1.6.1. Obbligi oħrajn li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ jew obbligi ta' finanzjament kontinġenti</p> <p>L-Artikolu 23(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' garanziji u obbligi oħrajn li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ jew obbligi ta' finanzjament kontinġenti msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
740	<p>1.1.6.2. self mhux prelevat u avvanzi lil kontropartijiet fil-livell ta' operatur</p> <p>L-Artikolu 23(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' self u avvanzi mhux prelevati lil kontropartijiet fil-livell ta' operatur msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
750	<p>1.1.6.3. ipoteki li ġew miftiehma iżda li għandhom ma ġewx prelevati</p> <p>L-Artikolu 23(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' self ipotekarju li ġie miftiehem iżda li għadu mhux prelevat imsemmi fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
760	<p>1.1.6.4. karti tal-kreditu</p> <p>L-Artikolu 23(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' karti ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
770	<p>1.1.6.5. overdrafts</p> <p>L-Artikolu 23(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' overdrafts msemmi fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
780	<p>1.1.6.6. flussi ta' ħruġ ippjanati relatati mat-tiġdid jew l-estensjoni ta' self ġdid għall-konsumaturi jew għall-operaturi</p> <p>L-Artikolu 23(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont flussi ta' ħruġ ippjanati relatati mat-tiġdid jew l-estensjoni ta' self ġdid għall-konsumaturi jew għall-operaturi msemmi fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
790	<p>1.1.6.6.1. Eċċess ta' finanzjament lil konsumaturi mhux finanzjarji</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk id-differenza bejn l-impenji kuntrattwali biex jestendu l-finanzjament lil konsumaturi mhux finanzjarji u l-flejjes dovuti minn dawn il-konsumaturi msemmija fl-Artikolu 32(3)(a) meta tal-ewwel jaqbżu lil tal-aħħar.</p>
800	<p>1.1.6.6.1.1. eċċess ta' finanzjament lil konsumaturi fil-livell ta' konsumatur</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk id-differenza bejn l-impenji kuntrattwali biex jestendu l-finanzjament lil konsumaturi fil-livell ta' konsumatur u l-flejjes dovuti minn dawn il-konsumaturi msemmija fl-Artikolu 32(3)(a) meta tal-ewwel jaqbżu lil tal-aħħar.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
810	<p>1.1.6.6.1.2. eċċess ta' finanzjament lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk id-differenza bejn l-impenji kuntrattwali biex jestendu l-finanzjament lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji konsumaturi u l-flejjes dovuti minn dawn il-konsumaturi msemmija fl-Artikolu 32(3)(a) meta tal-ewwel jaqbżu lil tal-aħħar.</p>
820	<p>1.1.6.6.1.3. eċċess ta' finanzjament lil sovrani, MLDBs (banek multilaterali tal-iżvilupp) u PSEs (entitajiet mis-settur pubbliku)</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk id-differenza bejn l-impenji kuntrattwali biex jestendu l-finanzjament lil sovrani, banek multilaterali tal-iżvilupp u entitajiet tas-settur pubbliku u l-flejjes dovuti minn dawn il-konsumaturi msemmija fl-Artikolu 32(3)(a) meta tal-ewwel jaqbżu lil tal-aħħar.</p>
830	<p>1.1.6.6.1.4. eċċess ta' finanzjament lil entitajiet legali oħrajn</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk id-differenza bejn l-impenji kuntrattwali biex jestendu l-finanzjament lil entitajiet legali oħrajn u l-flejjes dovuti minn dawn il-konsumaturi fl-Artikolu 32(3)(a) meta tal-ewwel jaqbżu lil tal-aħħar.</p>
840	<p>1.1.6.6.2. oħrajn</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' flussi ta' ħruġ ippjanati relatati mat-tiġdid jew l-estensjoni ta' self ġdid fil-livell ta' konsumatur jew operatur imsemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 mhux inklużi hawn fuq.</p>
850	<p>1.1.6.7. ammonti pagabbli ta' derivattivi pjanati</p> <p>L-Artikolu 23 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammonti pagabbli ta' derivattivi pjanati msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
860	<p>1.1.6.8. prodotti relatati mal-finanzjament ta' kummerċ barra l-karta tal-bilanċ</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-prodotti jew is-servizzi relatati mal-finanzjament tal-kummerċ imsemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
870	<p>1.1.6.9. oħrajn</p> <p>L-Artikolu 23(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' prodotti jew servizzi oħrajn min-barra dawk imsemmija hawn fuq fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
880	<p>1.1.7. Obligazzjonijiet oħrajn</p> <p>L-Artikolu 28(2), l-Artikolu 28(6) u l-Artikolu 31(10) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-flussi ta' ħruġ minn obligazzjonijiet oħrajn kif previst fl-Artikolu 28(2), l-Artikolu 28(6) u l-Artikolu 31(10) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>Din l-entrata għandha tinkludi wkoll, fejn meħtieġ, bilanċi addizzjonali li huma meħtieġa jinżammu friżervi tal-bank ċentrali fejn ikun miftiehem bejn l-awtorità kompetenti rilevanti u l-BĊE jew il-bank ċentrali skont l-Artikolu 10(1)(b)(iii) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
890	<p>1.1.7.1. obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn spejjeż operattivi</p> <p>L-Artikolu 28(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċi pendenti ta' obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-ispejjeż operattivi proprji tal-istituzzjoni ta' kreditu kif imsemmija fl-Artikolu 28(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p>
900	<p>1.1.7.2. fil-forma ta' titoli ta' dejn jekk mhux trattati bħala depożiti fil-livell ta' konsumatur</p> <p>L-Artikolu 28(6) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' noti, bonds u titoli oħrajn ta' dejn maħruġa mill-istituzzjoni ta' kreditu minbarra dawk irrapportati bħala depożiti fil-livell ta' konsumatur kif imsemmij fl-Artikolu 28(6) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Dan l-ammont jinkludi wkoll kupuni li jsiru dovuti fit-30 jum tal-kalendarju li jmiss li jirrigwardaw lil dawn it-titoli kollha.</p>
910	<p>1.1.7.3. Oħrajn</p> <p>L-Artikolu 31(10) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-bilanċ pendenti ta' kwalunkwe obbligazzjoni li ssir dovuta fit-30 jum tal-kalendarju li jmiss minbarra dawk imsemmija fl-Artikoli 23 sa 31 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p>
920	<p>1.2. Flussi ta' ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali</p> <p>L-Artikolu 28(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi ta' ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Swap kollaterali (li jkopri tranżazzjonijiet kollateral ma' kollateral) għandu jkun irrapportat fil-formula C 75.00 tal-Anness XXIV.</p>
930	<p>1.2.1. Il-kontroparti hija bank ċentrali</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi ta' ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali.</p>
940	<p>1.2.1.1. kollateral tal-Livell 1 minbarra Bonds koperti EHQ</p> <p>L-Artikolu 28(3)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi ta' ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa kollateral tal-Livell 1 minbarra bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna</p>
950	<p>1.2.1.2. kollateral ta' Bonds koperti EHQ tal-Livell 1</p> <p>L-Artikolu 28(3)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi ta' ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa kollateral tal-Livell 1 li huwa bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
960	<p>1.2.1.3. Kollateral tal-Livell 2 A</p> <p>L-Artikolu 28(3)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi ta' ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa kollateral tal-Livell 2 A, it-tipi kollha</p>
970	<p>1.2.1.4. Kollateral ta' titoli garantiti b'assi (residenzjali jew vetturi, CQS1) tal-Livell 2B</p> <p>L-Artikolu 28(3)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi ta' ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali u l-kollateral estiż huma titoli garantiti b'assi tal-Livell 2B li huma garantiti b'residenzi jew vetturi u ta' kwalità kreditizja tal-ewwel grad u li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(2)(g), punti (i),(ii) jew (iv).</p>
980	<p>1.2.1.5. Bonds koperti tal-Livell 2B</p> <p>L-Artikolu 28(3)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi ta' ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa bonds koperti ta' kwalità għolja tal-Livell 2B li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12(1)(e).</p>
990	<p>1.2.1.6. Kollateral ta' titoli garantiti b'assi (kummerċjali jew individwali, Stat Membru, CQS1) tal-Livell 2B</p> <p>L-Artikolu 28(3)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi ta' ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa titoli tal-Livell 2B garantiti b'assi li huma kummerċjali jew individwali ta' Stat Membru u ta' kwalità kreditizja tal-ewwel grad u li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(2)(g), punti (iii) jew (v).</p>
1000	<p>1.2.1.7. Kollateral ta' assi tal-Livell 2B oħrajn</p> <p>L-Artikolu 28(3)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi ta' ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti hija bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa kollateral tal-Livell 2B, mhux inkluż hawn fuq.</p>
1010	<p>1.2.1.8. Kollateral ta' assi mhux likwidi</p> <p>L-Artikolu 28(3)(g) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi ta' ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti tkun bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa kollateral ta' assi mhux likwidi.</p>

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
1020	<p>1.2.2. Il-kontroparti mhijiex bank ċentrali</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi ta' ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti ma tkunx bank ċentrali.</p>
1030	<p>1.2.2.1. kollateral tal-Livell 1 minbarra Bonds koperti EHQ</p> <p>L-Artikolu 28(3)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi ta' ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti ma tkunx bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa kollateral tal-Livell 1 minbarra bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna</p>
1040	<p>1.2.2.2. kollateral ta' Bonds koperti EHQ tal-Livell 1</p> <p>L-Artikolu 28(3)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61</p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw hawnhekk il-flussi ta' ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 192 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn il-kontroparti ma tkunx bank ċentrali u l-kollateral estiż huwa kollateral tal-Livell 1 li huwa bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna</p>
